# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 7

21 ta' Novembru, 2019

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.45 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 7

7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 5 – 9 u Nru. 6 – 9 (Laqgħa b'urġenza);
7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
7.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
7.5 Komunikazzjoni;
7.6 Rapport ta' kull Kwart Nru. 3;
7.7 Kuntratt Ġbir ta' skart domestiku;
7.8 Il-Fanali ta' Triq Sannat;
7.9 Attivitajiet tal-Milied 2019;
7.10 Ilmenti u Suġġerimenti;
7.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 10/2019;
7.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-laqgħa mill-lum il-quddiem apparti li ser tkun streamed live se tiġi rrekordjata biex b'hekk tkun uploaded Video on Demand fuq il-website, dawn wara li saru x-xogħolijiet neċessarji.

## 7 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

7.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 5 - 9 u Nru. 6 - 9 (Laqgħa b'urġenza)

7.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 5 – 9 u dawk tal-laqgħa b'urġenza Nru. 6 – 9 ta' dan il-Kunsill li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill. Il-Minuti Nru 5 – 9 ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Minuti tal-laqgħa b'urġenza Nru 6 – 9 ġew iffirmati mis-Sindku u għandhom jiġu ffirmati mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv peress li s-Segretarju Eżekuttiv kien skużat għal din il-laqgħa.

## 7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

7.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward it-tiġrija tradizzjonali taż-żwiemel fejn tista tgħid li ġiet diskussa dejjem fil-laqgħat preċedenti tal-Kunsill, lis-Superintendent ntbgħatlu l-protest ġudizjarju bl-Avukat u llum stess il-Kunsill irċieva l-kontro-protest tal-protestata u ntbatet ukoll imejl oħra għall-laqgħa miegħu fejn ġie kkupjat l-Kummissarju tal-Pulizija dwar dan. Hu qal li bgħat imejl separat lill-Kummissarju tal-Pulizija wkoll għall-laqgħa miegħu. Il-Kummissarju tal-Pulizija bgħat għall-laqgħa nhar it-Tnejn 25 ta' Novembru fin-12.30 p.m. Is-Sindku qal li se jattendi.

7.3.2 Is-Sindku qal li dwar Triq Sannat il-Kuntrattur mhux qed jiġi kuljum minħabba l-maltemp apparti dan il-Water Services Corporation issa qalu li se jgħaddu s-servizzi l-ġodda tad-drenaġġ u bgħatu l-letter of acceptance għal dan ix-xogħol. Hu qal li dawn il-mains ser ikunu tas-sitta u ieħor tat-tlieta fuq in-naħa tar-residenti.

7.3.3 Is-Sindku ddiskuta mall-Kunsill li lura meta beda x-xogħol ta' Triq Sannat il-Kunsill kien intalab mill-kuntrattur biex il-fanali li hemm fit-triq jinqalgħu peress li anke l-bankini ser jinbidlu minħabba l-livel tat-triq. Għalhekk il-Kunsill talab lill-Awtorita' tal-Ippjanar biex dawn jitwaħħlu fil-Playing Field fi Triq Marziena peress li dawn il-fanali kienu ġew minn fondi tal-U.I.F fi ħdan l-istess Awtorita'. Sa dan it-tant l-Kunsill waħħal 5 floodlights matul it-triq sakemm jara l-alternattiva minflokk dan id-dawl. Il-Kunsill qed jippjana li jwaħħlu fanali ġodda pariġġ dawk tal-proġett ippjanat fi Pjazza Santa Margerita. Is-Sindku qal li b'hekk dawn xorta se jibqgu fl-istess akwati. Dawn għandhom jiġu nstallati b'fanal wieħed minflok bi tlieta kif inhuma. Fil-Playing field hemm 7 lamp posts qodma li ma jaħdmux u b'hekk se jiżdiedu b'ieħor għaliex b'kollox il-Kunsill għandu tmienja. Il-Kunsill qabel ma dan.

7.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt il-maltempata li seħħet nhar it-Tlieta 12 u bejn il-lejl tat-13 ta' Novembru 2019 minn ġol-Pjazza tqaċċtu mill-qiegħ żewġ siġriet tal-Oleander waħda quddiem il-Quaint Hotel li kważi kienet mejta u oħra żgħira ħdejn is-siġra l-kbira tal-Awrikarja. L-għada ntalbet l-għajnuna tad-Dipartiment tal-Agrikultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u ELC biex dawn jitneħħew mill-art. Il-Kunsill nforma b'dan lill-ERA. Il-Kunsill qabel li għandu jsir rapport dettaljat minn xi ħadd professjonali peress li dawn is-siġar huma msewsa, għandhom iż-żmien u jistgħu ikunu ta' periklu.

7.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-playing field ta' Triq Marziena hemm siġra oħra tal-palm li jista jkun li hi nfettata mill-bumunqar l-aħmar. Il-Kunsill qed jieħu ħsieb li jsalva din is-siġra u ddeċieda li jekk din tmut, il-Kunsill jkollu jneħħi din ukoll.

7.3.6 Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 12 ta' Novembru 2019 hu, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mad-Direttur Moniteraġġ u Sapport flimkien mall-Assistent Direttur u Uffiċjal mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iżbilanċ li ħareġ mir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2018. Waqt din il-laqgħa huma semmew diversi punti kemm minn dan ir-rapport kif ukoll dwar spejjeż oħra li qed isiru minn din is-sena fosthom is-servizz tal-kuntratt tal-Contracts Manager. Dwar s-servizz tal-Contracts Manager id-Direttur ħareġ bi proposta biex din toħroġ konġunta ma' Kunsilli oħra hekk kif semmejna l-Kuntratt tal-Ġbir tal-iskart domestiku. Wara li l-Kunsill ta spjega dwar dan l-iżbilanċ id-Direttur fehem minn fejn hu ġej. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jgħamel minn kollox biex dan l-iżbillanċ joħroġ minnu.

7.3.7 Is-Sindku qal li l-kuntratt mall-Kuntrattur biex jibda x-xogħol fuq il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ minn Miżura 4.4 b'fondi ewropej għadu ma ġiex iffirmat. Il-Kunsill għandu jara jekk il-Kuntrattur hux se jagħti dan is-servizz biex jibdew ix-xogħolijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jitlob mill-ġdid lil dan il-Kuntrattur. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu talab change request mall-Managing Authority biex dan il-kuntratt jiġi estiż sal-aħħar ta' Settembru 2020 u qal ukoll li mportanti li dan ix-xogħol jibda għaliex l-Kunsill jista jitlef dawn il-fondi. Sadanittant il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni għal din l-estensjoni.

7.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 7 ta' Novembru 2019, il-Kunsill ippreżenta applikazzjoni mall-Managing Authority (EAFRD) għal fondi minn Miżura 4.4 dwar aktar bini ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq tal-Gruwa u fi Triq Saguna kif kien issemma f'laqgħa preċedenti.

7.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba lill-Transport Malta biex fi Triq Marsilja issir one way għal periodu ta' 3 xhur, Transport Malta nfurmat li dwar din it-talba l-ewwel trid issir konsultazzjoni mar-residenti dwar dan. Rigward t-talba għat-twaħħil ta' bollards fi sqaq ta' Triq Ta' Xamgħan din ġiet aċċettata, Transport Malta qed titlob wkoll li jiġu nstallati żewġ tabelli "Pedestrian only". Rigward it-talba għal installazzjoni ta' bollards fi Triq Pisoniano madwar ħajt kantuniera ta' għalqa Transport Malta ma approvatx din it-talba minħabba raġunijiet ta' sigurta. Rigward ir-road humps fi Triq tal-Gruwa u Triq it-Tempju tal-Imramma Transport Malta talbet li jiġu nstallati wkoll tabelli ta' 30km/hr speed limit. Dwar dawn ir-road humps il-Kunsill għandu jara dawk li għandu sabiex jara jekk dawn humiex adekwati li jitwaħħlu.

7.3.10 Is-Sindku semmha li nhar l-Erbgħa 13 ta' Novembru 2019 deher ritratt tas-Sindku flimkien ma oħrajn fuq il-paġna ta' facebook ta' TheShiftNews. Hu stqarr li dwar dan ir-ritratt tiegħu kellu jerġa juża lill-istess Avukat fejn talab x'kienet ir-raġuni li dan deher fuq dan is-sit.

7.3.11 Is-Sindku qal li dwar dak li kien nkiteb fuq il-paġna ta' facebook mill-ex Kunsillier nhar id-29 ta' Awwissu 2019 dan tneħħa minnha stess, barra dan hi ntalbet mill-Avukat biex tikteb apologija lill-Kunsill. Hi kitbet lura fejn talbet skuża lill-Kunsill. Is-Sindku qara din l-imejl u l-

Kunsill aċċettaha.

7.3.12 Is-Sindku qal li nhar il-Ħadd li għadda kien ppjanat li jsir il-World Children's Day biss minħabba l-maltemp din ġiet posposta għal data oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien hemm xi spejjeż involuti ma din l-attivita' peress li Esplora ġiet minn Malta u anke JumpMalta kienet diġa bdiet tarma l-apparat tal-logħob għat-tfal. Il-Kunsill qabel li dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' ser ssir nhar il-Ħadd 1 ta' Diċembru 2019. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsillieri kollha li huwa dmir tagħhom li jattendu għal din l-attivita u għall-attivitajiet simili li huma jkunu ħadu d-deċizzjoni biex dawn isiru.

7.3.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bieraħ rċieva draft agreement dwar il-ftehim mill-Ministeru għal Għawdex mal-Kunsill dwar ir-rigenerazzjoni tal-Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill għandu jara dan id-draft id-draft agreement.

7.3.14 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li llum ġie nfurmat li mill-iskema tal-Finanzjament ta' Proġett Kapitali għal apparat għal sistemi tal-irrigazzjoni mid-Direttorat għall-Gvern Lokali Strategija u Implimentazzjoni ta' Policy l-Kunsill se jibbenefika 80% li jammontaw għal €2589.28 u l-Kunsill irid joħroġ id-differenza ta' 20% skond l-applikazzjoni. Dan ix-xogħol ser isir fil-Ġnien tal-Bidwi. Il-Kunsill għandu jinforma b'dan lill-Kuntrattur li ta l-kwotazzjoni għal dan ix-xogħol.

7.3.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Gozo Philatelic Society talbet l-premises tas-sala tal-Kunsill biex fix-xahar ta' Frar 2020 ssir esebizjoni tal-bolli fl-okkażjoni ta' "inħobbok 2020". Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

## 7.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

7.4.1 Ma kienx hemm tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

## 7.5 Komunikazzjoni

7.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kumpanija Community Workers Scheme Enterprise Foundation tal-ħaddiema assenjati magħna talbet lill-Kunsill biex jgħati l-Performance Allowance lil dawn il-ħaddiema fuq set ta' kriterji. Il-Kunsill approva dan.

7.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li il-kumpanija Latina Pictures Ltd għaddiet l-ammont ta' €200 bħala donazzjoni għaliex ħadmet parti minn film f'Ta' Sannat, id-Direttorat għal Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni tal-Policy mill-iskema tal-isports ddeposita fil-kont bankarju l-ammont ta' €2100 u għandhom jiġu ddepositati d-differnza ma dik tal-kunrtatt tal-applikazzjoni. Mis-Segretaretarjat Parlamentari għal Biedja u Sajd il-Kunsill irċieva l-ammont ta' €2500 għall-attivita' tal-Lejla Raħlija. Mill-Ministeru għal Għawdex mill-iskema tal-Gozo Cultural Events Fund Scheme 2019 llum il-Kunsill irċieva €10,000 skont il-Kuntratt iffirmat għal attivita' Est, Est, Est Wine Festival.

7.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ġabar kwotazzjoni waħda biss mingħand mastrudaxxa għal gallerija tal-injam u xogħol fl-injam biss (tal-eroko) għal prezz ta €4900, filwaqt li għaż-zebgħa tagħha, tikħil, saqaf ta' fuq u kiri ta' cherry picker eċċ biex titwaħħal il-intalbet kwotazzjoni oħra u l-prezz hu ta' €1900. Il-Kunsill qabel ma dawn il-kwotazzjonijiet u li din tiġi ordnata.

7.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Uffiċjal Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tkun tista tħalli 58 siegħa vacation leave minn din is-sena għas-sena 2020. Il-Kunsill qabel u approva din it-talba.

7.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lis-Sindku li nhar it-Tnejn 25 ta' Novembru 2019 fis-6.00 p.m. ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-Uffiċċju Regjonali ser issir Laqgħa Nru 89. Is-Sindku qal li ma jistax jattendi għal din il-laqgħa u ddelega lill-Viċi Sindku biex tattendi. Il-Viċi Sindku aċċettat.

7.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet u Direttivi mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

Ċirkulari Numru 20/2019 Riforma Gvern Lokali Emendi fl-Allowances tal-Presidenti tar-Regjuni, Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri Lokali u l-President tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

Ċirkulari Numru 21/2019 Riforma Gvern Lokali Publikazzjoni ta' Avviż Legali dwar emenda fir-Regolamenti dwar Proċeduri għal Gvern Lokali – Management Letter

Direttiva Numru 4/2019 Funzjoni tal-Kunsilli Reġjonali

Direttiva Numru 5/2019 Revoka ta' Direttiva Numru 4/2019 u Funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali

7.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

29 ta' Ottubru 2019 Cir AKL 2019/129 – Senior Passport Events organised by Heritage Malta

11 ta' Novembru 2019 Save the Date 27/12/2019 – LCA Christmas Gathering

18 ta' Novembru 2019 Cir AKL 2019/133 Preparation for Black Friday

19 ta' Novembru 2019 Cir AKL 2019/051 – Inizjattiva MCCF 2019

## 7.6 Rapport ta' kull Kwart Nru. 3

7.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill it-Tielet rapport ta' kull kwart 2019 u li dan kien intbgħat minn qabel permezz ta' imejl lill-Kunsillieri. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport u approvaħ.

## 7.7 Kuntratt Ġbir ta' skart domestiku

7.7.1 Is-Sindku qal li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart domestiku konġunt mall-Kunsill Lokali ix-Xagħra u l-Kunsill Lokali ix-Xewkija qed jiġi ffirmat u se jibda b'effett mit-Tnejn 2 ta' Diċembru 2019.

## 7.8 Il-Fanali ta' Triq Sannat

7.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li peress li fi Triq Sannat għaddejjin bix-xogħol tal-proġett ta' resurfacing b'wiċċ ġdid bit-tarmak, water culvert, service culvert u bankini ġodda l-Kunsill

kellu jaqla' l-fanali nsatallati f'din it-triq li twaħħlu lura fl-2009 permezz ta' fondi li dakinhar l-Kunsill kien ibbenefika minn l-Urban Improvement Fund il-MEPA - l-Awtorita' tal-Ippjanar u minflokkom xegħel lit-triq b'5 floodlights sakemm jitlesa x-xogħol kollu. Għalhekk dawn il-fanali nġabru fil-garaxx tal-Kunsill u dawn ħadu l-spazju kollu tal-istess garaxx. Hu stqarr li qed jaħdem biex din it-triq tingħata dehra ġdida u meta ssir ukoll Pjazza Santa Margerita din it-triq għandha tingħata l-istess tip ta' dawl ġdid bħal dak tal-Pjazza. Għalhekk il-Kunsill għandu jitlob lill-Awtorita tal-Ippjanar biex dawn il-fanali jiġu trasferiti fil-Playing Field li għandu fi Triq Marziena minflok oħrajn qodma, imkissra u ma jixgħelux u b'hekk anke dan il-ġnien li jinsab mudlam u ffrekwentat minn bosta ikun jista jitgawda aktar.

## 7.9 Attivitajiet tal-Milied 2019

7.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara ħafna tentattivi li għamel l-uffiċċju tal-Kunsill irnexxielu jiġbor żewġ kwotazzjonijiet ta' dawl dekorattiv biex tiġi mżejna Pjazza Santa Margerita għal żmien tal-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, dan peress li fi Triq Sannat għadhom għaddejin bix-xogħolijiet fit-triq. Il-Kunsill għażel l-irħas kwotazzjoni.

7.9.2 Il-Kunsill qabel li nhar il-Ħamis 5 ta' Diċembru 2019 ser issir ikla għall-membri tal-Kunsill u l-istaff kollu. Ser jiġi organizzat party u logħob għat-tfal nhar il-Ħamis 26 ta' Diċembru 2019, fis-sala tal-iskola. Il-Kunsill qabel ukoll li tiġi organizzata ħarġa għall-anzjani f'Għawdex nhar il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2019. Dwar il-Christmas treat għal NGO's tal-lokal, dan se jsir nhar il-Gimgħa 27 ta' Diċembru 2019 fis-7.30 p.m.

## 7.10 Ilmenti u Suġġerimenti

7.10.1 Xi residenti ġibdu l-attenzzjoni tal-Kunsill li fi Triq Dun Luqa sar *house connection* ġdid u li r-*reinstatement* ma sarx kif suppost. Il-Kunsill qal li minn din it-triq għadhom iridu jgħaddu s-servizzi tal-ilma u d-drenaġġ issa li din it-triq se tibda tiġi żvillupata bini ġdid. Il-Kunsill qal li din it-triq ingħatat kisja waħda biss bit-tarmak.

7.10.2 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward żibel fi Triq tal-Gruwa. Is-Segretarju qal li dan il-materjal inġabar mill-kuntrattur dakinhar stess.

7.10.3 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward il-periklu li hemm fi Triq ix-Xewkija ħdejn iċ-Ċimiterju. Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex u ngħata l-patching.

7.10.4 Persuna qedgħa titlob li jittranġaw ħitan tas-sejjiegħ imwaqqajn fi Triq Tal-Gruwa peress li kif qegħdin dawn huma ta' periklu. Il-Kunsill se jitlob l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex.

7.10.5 Resident issuġġerixxa li jeħlu tabelli 'CCTV in operation' bħala miżura temporanja u ta' malajr biex jieqaf l-abbuż ta' rimi illegali fiż-żona 'Ta' Randu'.

7.10.6 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* - MGOZ rigward tappiera li mhix imkaħħla sewwa u hi perikoluża fi Triq 28 ta' April. Din it-tappiera hija tal-W.S.C. u għalhekk intalbu biex din tiġi rranġata.

7.10.7 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq Skerla r-*reinstatement* wara li saru x-xogħolijiet ta' trinek mill-kumpanija Vodafone ma sarx kif suppost mill-kuntrattur. Il-Kunsill diġa kkuntattja

lill-Vodafone u nfurmaħ dwar dan.

7.10.8 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident li joqgħod fi Triq Paranji fejn talab li jsiru *double yellow lines* fl-ewwel biċċa ta' Triq Paranji ħalli ma jsirx parkeġġ fuq iż-żewġ naħħat tat-triq dan peress li truck qatt ma jkun jista jgħaddi u xi drabi lanqas karozza. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

7.10.9 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward fanali mitfija fi Pjazza Santa Margerita. Is-Segretarju informohom li dawn l-fanali ġew irrapurtati diversi drabi lil kuntrattur.

7.10.10 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward fanali mitfija fi Triq Ta' Ċenċ. Is-Segretarju informohom li dawn jaqgħu taħt ir-responsabilita' tal-MGOZ u gew irrapurtati bis-sistema tal-MGOZ.

7.10.11 Il-Kunsill irċieva imejl b' reminder mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward qtugħ ta' ħaxix u patching fi Triq ix-Xewkija. Is-Segretarju informahom li l-ħaxix ħażin inqata' u li talab l-għajnuna tal-MGOZ sabiex isir patching tajjeb lil din it-triq.

7.10.12 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħitan imġarrfa fi Triq ix-Xewkija. Dan ġie rrapurtat bis-sistema tal-MGOZ biex jinbena.

7.10.13 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward bulky refuse fi Triq ix-Xewkija. Is-Segretarju informhom li ma jsirx servizz ta' bulky refuse għal dak it-tip ta' skart u li dak inġabar mill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku.

7.10.14 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ dwar ħajt tal-ġebel tas-sejjieħ imwaqqa u perikoluż fi Triq Tal-Gruwa. Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-Ministeru għal-Għawdex biex jinbena dan il-ħajt u jitneħħa il-periklu, peress li l-Kunsill m'għandux ħaddiema mħarrġa li jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol.

7.10.15 Il-Kunsill irċieva diversi lmenti mingħand residenti dwar fergħat perikolużi minn Begonvilla fi Triq Gerxija ,li qed tingombra t-triq peress li tinsab il-barra mill-bankina għat-triq. Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-Korp tal-Pulizija sabiex iġelgħu lir-resident jaqta' dawn l-friegħi ta' din is-siġra mill-aktar fis possibli biex jitneħħa kull periklu. Dan ix-xogħol sar.

7.10.16 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand sid ta' għalqa fejn qed jitlob li jinbena l-ħajt imwaqqa tal-għalqa fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu diġa talab l-għajnuna bis-sistema tal-MGOZ.

7.10.17 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-intervention Team – MGOZ dwar tindif fil-playing field fi Triq Marziena. Dan ġie rrapurtat wara l-maltempata li saret u ġie nfurmat minn inaddaf dan il-playing field.

7.10.18 Resident minn Triq Ta' Ċenċ qed jitlob li tiġi rranġata l-bankina ta' quddiem ir-residenza tiegħu peress li din ġiet tiżloq. Il-Kunsill se jibgħat dan l-ilment bis-sistema tal-MGOZ.

7.10.19 Il-Kunsillier Tewma talab biex il-Kunsill jara jekk hemmx xi għajnuna għall-Animal Feeder li jitimgħu l-annimali li jkunu jiġġerew barra. Il-Kunsill qal li dan mhux suppost isir li jkun hawn annimali jiġru barra pero xorta se jara jekk hawnx.

7.10.20 Il-Kunsillier Tewma reġa semmha li għadu qed jirċievi ilmenti dwar it-taħbit tal-ħadid tal-

water storm culvert ta' fejn Dwardu Butcher fi Triq Dun Xand Aquilina. Il-Kunsill għandu jerġa jkellem lill-Kunrtarur li waħħal dan il-ħadid.

7.10.21 Il-Kunsillieri ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Pjazzetta tax-Xelina għandha bżonn tal-manutensjoni fil-mantunċina. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv u anke hu ċemplu kemm il-darba lil diversi kuntratturi biex isir dan ix-xogħol. Il-Kunsill għandu jibqa jara minn jista jgħamel dan ix-xogħol qabel ma jkun tard wisq.

## 7.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 10/2019

7.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 10/2019 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 7.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-aħħar laqgħa

7.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.50 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 18 ta' Diċembru 2019, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 18 ta' Diċembru 2019

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |